**Minuti tas-Sitt ( 06 ) Laqgħa tal-Ewwel Kumitat Amministrattiv Burmarrad / Wardija li nżammet nhar l-Erbgħa 19 ta' Jannar 2011 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar fis-6.30 ta' filgħaxija.**

Il-laqgħa bdiet fis-6:40 ta' fil-għaxija.

Il-Membri kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Chairperson Ray Bartolo | 6.30 p.m. | 8.25 p.m. |
| Vici-Chairperson Simone Aquilina | 6.30 p.m. | 8.25 p.m. |
| Membru Peter Abela | 6.30p.m. | 8.25 p.m. |
| Membru Carmel Hili | 6.30 p.m. | 8.25 p.m. |
| Membru Joseph Mario Hili | 6.40p.m. | 8.25 p.m. |

Ic-Chairperson mexxa l-laqgħa tal-Kumitat.

Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea w is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri, kienu preżenti għall-laqgħa.

**1.00 Qari tal-Minuti tal-Ħames ( 05 ) Laqgħa li nżammet nhar l-Erbgħa l-01 ta' Diċembru 2010**

1.01 Il-Minuti kienu ntbagħtu qabel il-Laqgħa u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Ma kienx hemm korrezzjonijiet. Il-Minuti ġew approvati unanimament u ġew iffirmati.

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti**

2.01 **Dwar Item 2.03 –** Dwar it-tiżjin tal-Milied, iċ-Chairperson, is-Sur Ray Bartolo qal li l-flus li kienu ġew ivvutati għall-xiri ta' tiżjin tad-dawl ma kienux intużaw din is-sena u għalhekk dawn kienu ser jintużaw sena oħra. Ġie deċiż li għal sena oħra għandu jsir arranġamenti kmieni biex isir dan ix-xiri. Is-somma approvata hi dik ta' €3,000.

2.02 **Dwar Item 2.04** – Ic-Chairperson, is-Sur Ray Bartolo, qal li saru arranġamenti sabiex issir laqgħa mal-Perit Bezzina tal-MRRA biex jitkompla l-programm tax-xogħol.

2.03 **Dwar Item 2.05** – Ma kienx hemm twegiba mill-Korporazzjoni Enemalta. Is-Segretarju gie mitlub li jsegwi dan il-każ.

2.04 **Dwar Item 8.03** – Ic-Chairperson, is-Sur Ray Bartolo, qal li huwa kien bagħat l-ittra tal-emendi mitluba fil-konfini tal-lokalita' tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad.

Il-Membru s-Sur Carmel Hili qal li din il-kwistjoni tal-konfini kellha tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kumitat qabel tintbagħat.

Ic-Chairperson is-Sur Ray Bartolo qal li wara li ma kienx irċieva ebda *feedback* mingħand il-Membri tal-Kumitat għat-talba tiegħu sabiex min għandu xi proposti jibgħathomlu, u minħabba li l-laqgħa tal-Kumitat li kellha issir ma saritx għax li s-Segretarju kien indispost, huwa kien bagħat l-ittra qabel jagħlaq id-*deadline* ta' l-aħħar tas-sena 2010.

Ic-Chairperson is-Sur Bartolo kompla jgħid illi l-Membru s-Sur Carmel Hili iddeċieda arbitrarjament li jibgħat ittra oħra separata lid-Dipartiment tal-Kunsilli mingħajr ma biss informa l-Kumitat Amministrattiv Burmarrad. Dan sar b'disprezz lejn ic-Chairperson u lejn il-Membri tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad.

Fuq *point of order*, il-Membru Peter Abela qal li huwa jitlob li l-ittra li l-Membru s-Sur Carmel Hili bagħat illegalment għandha tinġagħab quddiem il-Kumitat. Huwa qal li din l-ittra ġiet ippublikata fuq il-websajt tal-Partit Laburista ta' San Pawl il-Baħar.

Ic-Chairperson is-Sur Ray Bartolo qal li f'din l-ittra 'ssemma kemm hu stess kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv li ma kellu x'jaqsam xejn. Innota wkoll illi l-Membru s-Sur Carmel Hili ma kellux id-diċenza li jibgħat kopja ta' din l-ittra lic-Chairperson minkejja li semma ismu. Huwa qara parti minn din l-ittra li dehret fuq il-websajt tal- Partit Laburista ta' San Pawl il-Baħar.

Il-Membru s-Sur Carmel Hili qal li huwa kien bagħat din l-ittra f'ismu u mhux f'isem il-Partit Laburista. Dan huwa kien għamlu għaliex l-ittra tac-Chairperson is-Sur Bartolo ma ġietx diskussa mill-Kumitat kif kellu jsir u għalhekk ma kellux triq oħra għajr li jibgħat ittra oħra hu.
Ic-Chairperson irribadixxa dan u aċċenna illi l-Membru s-Sur Carmel Hili 'ffirma l-ittra bħala Membru tal-Partit Laburista. Ic-Chairperson sostna illi apparti li f'mozzjoni preċedenti l-Membri kollha tal-Kumitat kienu qablu illi c-Chairperson għandu '*jirrappreżenta lil dan il-Kumitat fit-taħdidiet kemm mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif ukoll mal-awtoritajiet konċernati u r-residenti tal-lokalita* " hu xorta kien talab lill-Membri biex jagħtuh il-*feedback* tagħhom. Il-Membru s-Sur Carmel Hili qatt ma kien ta l-ebda *feedback*.

F'dan l-istadju s-Segretarju Eżekuttiv ġie mitlub jinvestiga l-legalita' ta' dan il-każ mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

## 3.00 Korrispondenza u Kommunikazzjonijiet

3.01 Iċ-Ċhairperson qal li kienet waslet korrispondenza minn Transport Malta bl-approvazjoni ta' *traffic calmers* fi Triq Ġebel Għażżara.

3.02 Dwar il-Korrispondenza li ġiet mid-Dipartiment tal-Kunsilli fuq proposti ta' tiżbieħ fil-*Housing Estates* tal-Gvern kif propost mill-Awtorita tad-Djar, ġie deċiż li għandu jinbeda xogħol ta' ippjanar biex għal sena oħra issir proposta ta' *playing-field* ġdida fiż-żona tal-*housing estate* fi Triq l-Insolja fejn preżentament hemm skedat li ssir *roundabout*. Ġie nnutat li l-*playing-field* eżistenti hija perikoluża għax qegħda fi triq prinċipali, fiha diversi ħsarat kawżati mill-maltemp, u meta tagħmel ammont konsiderevoli ta' ilma qed iġġarrab ħsarat estensivi. Din għandha tinbidel f'waħda għall-kbar fejn ikun hemm makkinarju ta' l-eżerċizzju li huwa magħmul apposta sabiex jitpoġġa barra fl-apert. Hemm bżonn tal-koperazzjoni tal-Membri kollha sabiex isir dan il-proġett. Għandhom ukoll jinbdew taħditiet mal-Perit b'dan l-iskop. Il-Membri tal-Kumitat kollha qablu ma din il-proposta.

## 4.00 Ħwejjeġ Oħra

4.01 Il-Membru s-Sur Peter Abela qal li huwa jħoss li l-Kumitati Amministrattivi għandhom jingħataw sehem pro-rata mill-introjtu ta' flus mill-multi taċ-ċitazzjonijiet u għalhekk wieħed għandu jistaqsi lid-Dipartiment jekk dan jistax isir. Huwa qal li s-suġġeriment tiegħu kien li l-Kumitat Amministrattiv għandu jingħata 10% mill-introjtu taċ-ċitazzjonijiet li jingħataw f'Burmarrad.

Il-Membru s-Sur Peter Abela issuġġerixxa wkoll li jiġu installati *solar-beacons* u *solar-signs* li juru limitu ta' sewqan ta' 45 kilometri fis-siegħa f'ċerti żoni.

4.02 Il-Membru s-Sur Carmel Hili tkellem dwar ix-xogħol li qed isir fit-triq prinċipali ta' Burmarrad fejn huwa qal li l-bankini saru b'mod li jżommu l-ilma tax-xita minħabba li quddiem il-garaxxijiet dawn saru baxxi wisq.

Huwa semma l-bżonn ta' bini ta' Latrini Pubbliċi f'Burmarrad u l-Wardija.
Talab li jiżdiedu għal tlieta l-*bins on wheels* f'taż-Żafżafa fil-Wardija.
Il-Membru s-Sur Peter Abela qal li din l-*extra bin on wheels* għandha tkun *sponsored* mill-Kunsill Lokali. Ġie deċiz li l-Kumitat jistenna sa ma joħroġ tender gdid meta tinbidel is-sistema u naraw jekk il-problema tibqax.

Il-Membru s-Sur Carmel Hili talab li ssir bozza fuq arblu fi Triq Ġebel Għażżara ( *upper* Triq l-Insolja).

4.03 Il-Membru s-Sur Joseph Mario Hili qal li l-Pustier qed jgħaddi minn fuq il-bankini bil-mutur biex iqassam l-ittri. Dan hu ta' perikolu għan-nies u ta' ħsara għall-bankini.

4.03A Iċ-Chairman staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-kwistjoni taż-żewġt iklieb li kienu qed jiġġerrew f'Burmarrad.

Is-Segretarju talab ukoll li tinkiteb ittra dwar it-trakkijiet tal-General Soft Drinks Limited u oħrajn li qed jipparkjaw fuq il-bankini f'Burmarrad.

4.04 Ic-Chairperson is-Sur Raymond Bartolo talab li tinkiteb ittra ta' ringrazzjament lill-Gvern Ċentrali għax-xogħol li kien qed isir fit-triq prinċipali ta' Burmarrad u jiġu ippublikati wkoll avviżi f'isem il Kumitat Amministrattiv Burmarrad fil-ġurnali f'dan is-sens.

Il-Membru s-Sur Carmel Hili qal li huwa ma jaqbilx li tintbagħat ittra mingħajr ma nsemmu li x-xogħol sar mingħajr konsultazzjoni.

F'dan l-istadju saru ħafna battibekki u argumenti bejn il-Membri. Reġa 'ssemma l-każ tal-ittra tal-konfini w issemma wkoll is-sehem tas-Segretarju Eżekuttiv li 'rribatta li huwa ma kellux x'jaqsam ma' l-ittra.

Ic-Chairperson is-Sur Ray Bartolo poġġa mozzjoni li tinkiteb l-ittra ta' ringrazzjament lill-Gvern Ċentrali. Il-Membru s-Sur Peter Abela issekonda.

Il-Membru s-Sur Carmel Hili għamel kontra mozzjoni fejn talab li jitniżżel f'din l-ittra li kellha issir konsultazjoni qabel isir ix-xogħol. Huwa ġie ssekondat mill-Membru s-Sur Joseph Mario Hili.

Saret votazzjoni fuq il-kontra mozzjoni u din ma għaddietx bi tlett voti kontra tnejn. Il-Membri s-Sinjuri Carmel u Mario Joseph Hili 'vvutaw favur filwaqt li l-Membri s-Sinjuri Bartolo, Aquilina u Abela 'vvutaw kontra.
Saret votazjoni fuq il-mozzjoni oriġinali taċ-Chairperson is-Sur Ray Bartolo u din għaddiet unanimament.

**5.00 Għeluq**

Il-Laqgħa spiċċat fit-8.25 ta' filgħaxija.

Ray Bartolo
Chairperson

John J. Camilleri
Segretarju Eżekuttiv

23 ta' Frar 2011

ref. 55/1385/11/0SG